Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 239 / 2014

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Anthony Ellul**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Ellul, iben Frank, imwieled il-Kanada, fil-21 ta' Awwissu, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 517786(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija Mr. Sub Limited (C19221) ghas-snin 1998 u 1999 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-30 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998

issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta Mr Sub Limited u tikkundannah multa ta' mitejn Euro (€200) u multa addizjonali ta' erbgha Euro (€4.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Ellul minnu pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

**a.** **<u>L-applikabilità tal-Artikolu 13 tal-Interpretation Act</u>**

Illi l-esponenti jikkontendi bir-rispett illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza tagħha mertu ta' dan l-appell, għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabbilità tal-artiklu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni.

Illi preliminarjament jingħad illi l-esponenti, bir-rispett jikkontendi li s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti ossia "Il-Pulizija vs Antonio Busuttil" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Diċembru 2012, ma ssibx konfort fl-intenzjoni tal-leġiżlatur. F' dik il-kawża, u allura fis-sentenza mertu ta' dan l-appell, jintqal li:

"F' dan il-każ l-imputat qiegħed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi għamel minn kollox sabiex jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe każ ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. **Din il-Qorti tagħmilha ċara illi l-Interpretation Act ma tistax tiġi applikata għal din il-liġi peress illi din hija liġi speċjali illi tkopri miżuri fiskali tal-Gvern u għalhekk hija din il-liġi illi għandha tiġi applikata u mhux l-Interpretation Act**." [emfasi tal-esponenti].

Illi minkejja li l-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta huwa meqjus bħala liġi speċjali, sabiex l-Artiklu 13 tal-Interpretation Act (Kap. 249) ma japplikax, **trid tkun l-istess liġi speċjali li trid tipprovdi mod ieħor.**

Hija din l-intenzjoni tal-Leġiżlatur meta ġie abbozzat l-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti, l-artiklu 2 (1) tal-Kap 249 jipprovdi:

"2. (1) F' dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Att" tfisser Att tal-Parlament u kull Att ieħor mgħoddi mil-Leġiżlatura ta' Malta u tinkludi kull kodiċi, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor li għandu saħħa ta' liġi f'Malta barra minn kull dokument li għalih japplika l-Att tal-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq imsejjaħ "The Interpretation Act, 1889";

Illi l-Artiklu 13 tal-Kap. 249 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi:

"13. Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:

Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att."

Dan ifisser fil-prattika li fl-ordinament ġuridiku nostran, kieku wieħed kellu jagħmel kronoloġija ta' importanza tal-liġijiet:

1. wara l-Kostituzzjoni ta' Malta,
2. wara l-Kap 14 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
3. wara l-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta ossia l-Att dwar l-Unjoni Ewropea,
4. jiġi eżattament l-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta,
5. **imbagħad wara** l-kumplament tal-liġijiet kollha inkluż il-Kap. 372.

L-argumentazzjoni tal-Qorti fis-sentenza ċitata, fil-prattika jfisser li l-*provisions* tal-Interpretation Act ma jistgħu qatt jiġu invokati għax b' xi mod jew ieħor kull liġi hija waħda ta' natura speċjali jew fiha nfisha jew fl-oriġini tagħha!

Analizi tad-dibattiti parlamentari turi kif, il-leġiżlatur fl-ebda ħin u mument ma ried li b' xi mod l-Interpretation Act ikun applikabbli **BISS** għall-Kodiċi Kriminali, għall-Kodiċi Ċivili u/jew għal Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kieku l-ħsieb tal-leġiżlatur in rigward l-applikabbilità tal-Interpretation Act hija kif ċitat fis-sentenza ta' Busuttil, ifisser li pereżempju, kull liġi li nkitbet wara, trid *sine qua non* tinkiteb kemm fil-maskil kif ukoll fil-femminil, fl-istess nifs! Ċertament dan m' huwiex il-każ. U ma huwiex il-każ proprju għaliex dejjem jirrenjaw id-dispożizzjonijiet tal-Interpretation Act mill-mument tat-tfassil ta' liġi, sal-mument tal-implimentazzjoni tagħha, sakemm l-istess liġi ġdida ma tiddisponix xort' oħra.

**Il-Kap. 372 fl-ebda mument ma jisħaq li l-Interpretation Act qiegħed jiġi eskluż.**

Meta l-leġiżlatur ried li jiddipartixxi mill-applikabbilità tal-Interpretation Act, fl-Att tal-Parlament il-ġdid, ikun hekk imfassal u ddikjarat. Bħal pereżempju meta ġie mfassal l-artikolu 41(4) tal-Kap. 449 tal-Liġijiet ta' Malta fejn tinħoloq proċedura speċjali in kwantu kif tista' tiġi u meta tista' tiġi invokata d-difiża ta' *due diligence*. F' dan il-każ, tenut kont li din il-liġi speċjali tal-Kap. 449 toħloq kriterji ġodda, lil hinn mill-Att dwar l-Interpretazzjoni, naturalment, tirrenja din il-liġi, fil-kamp tal-liġi tas-sanità u mhux il-Kap. 249!

Fil-prattika l-applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 13 tal-Att. 249 wasslet għaldaqstant għal konklużjoni errata in kwantu d-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-esponenti.

**b. <u>Riżenja forzata tad-direttur</u>**

Bir-rispett, l-esponenti lanqas ma jaqbel mal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi minnha magħmul in kwantu r-riżenja tiegħu mill-kariga ta' direttur tas-soċjetà mertu tal-proċeduri.

Jisħaq l-esponenti, f' pajjiżi fejn tirrenja s-saltna tad-dritt, huwa aċċettat li sia fil-forum penali, kif ukoll fil-forum ċivili, l-ebda raġġiri ma huma aċċettati.

Fil-kamp ċivili, tenut kont li persuna tista' tiġi mqarrqa, effettivament kull obbligu assunt minn persuna hekk ingannata huma xoljibbli mill-Qorti – vide l-artikoli 974 u 981 tal-Kodiċi Ċivili.

Fil-każ odjern, l-imputat ġie ingannat da parti ta' Robert Demanuele in kwantu l-*franchise agreement* li s-soċjetà *de quo* kellha (sic!). Fil-verità malli l-esponenti assuma l-kariga ta' direttur, huwa ntebaħ li ma kienx minnu li kien jeżisti dan il-*franchise agreement*.

Kien biss minħabba din ir-raġuni li l-esponenti ma setax ikompli jassumi huwa l-kariga ta' direttur. Beda effettivament l-eżerċizzju sabiex ma jibqax direttur, tenut kont tal-frodi minnu subita, mill-ewwel mument li ntebaħ bl-ingann li huwa sofra.

Kien biss minħabba raġunijiet li l-esponenti ma kellux kontroll fuqhom, li effettivament ir-riżenja sfurzata tiegħu, ġiet reġistrata f' Novembru 1999 u mhux qabel[1].

Dan ifisser li effettivament l-esponenti ma poġġiex lilu nnifsu f' pożizzjoni ta' *self-inflicted impossibility*, stante li bħala vittima ta' frodi ma kellux triq oħra għajr li jaħrab mill-għawġ u saram li sab ruħu fihom intortament.

Jekk għall-grazzja tal-argument xi ħadd jargumenta bil-kontra tas-su espost, ikun qisu qiegħed jisħaq li min fiż-żwieġ qiegħed jiġi mahqur għandu jibqa' fid-dar matrimonjali sabiex ma jitlifx id-dritt fuq id-dar matrimonjali!

Għaldaqstant l-esponent jisħaq li anke f' dan ir-rigward l-Ewwel Qorti bir-rispett, ċaħdet din il-linja difensjonali, a bażi ta' interpretazzjoni erronea tal-liġi in materja.

**c. L-artikolu 23(13) tal-Kap. 372 fuq il-persuna responsabbli.**

Ġustament il-proviso tal-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jeżisti "sakemm min jagħmel ir-reat . . ."

"Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilità tad-direttur **jew min għandu fuqu r-responsabiltà illi jottempra ruħu mal-provvidimenti tal-Kap**. fuq imsemmi 372 jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spiċċa minn direttur.[2]" [sottolinear tal-esponenti]

Dan ifisser li l-leġiżlatur f' dan il-kuntest, **ma kienx** qiegħed jinvoka l-*vicarious liability* għal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' ksur ta' din il-liġi – anzi l-oppost! Ried il-leġiżlatur, [ġustament bħalma tgħallem is-sentenza ċitata], li jkun *prosecutable at law and liable for punishment at law*, **dik il-persuna li kienet responsabbli mill-ħlas tal-istess somom lid-dipartiment konċernat**.

[1] Vide f' dan is-sens id-depożizzjoni ta' Dr. A. Gabaretta LL.D.
[2] Il-Pulizija v. Maria Bondin, deċiża per Qorti tal-Appell Kriminali, per ImĦallef Dr. M. Mallia 09.12.2011

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jargumenta li kull persuna li tokkupa kariga ta' direttur, effettivament iġġor din ir-responsabilità, però bir-rispett huwa żbaljat.

Analizi tad-dispożizzjonijiet li jikkreaw il-pieni, turi u tgħallem kif mhux biss jeħtieġ li jiġi ppruvat il-*culpa* tal-persuna hekk responsabbli, iżda wkoll, proprju sabiex trazzan lil dik il-persuna milli aktar ' il quddiem taġixxi b' mod bi ksur ta' din il-liġi, fuqu timponi piena ta' priġunerija, *second time round* u għalhekk hemm l-obbligu tal-artikolu 49(2) tal-Kap. 372.

L-insistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli, hija bir-rispett pwerili. Dan għaliex meta l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni joħroġ *letter to prosecute* kontra l-bord tad-diretturi kollha ta' kumpanija waħda, fil-mument li wieħed minnhom jassumi r-responsabilità ta' dak in-nuqqas ta' aġir u quindi jammetti, immedjatament jirtiraw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-kumplament tal-membri tal-Bord tad-Diretturi! L-istess ġara lill-esponenti bħalma ser ikollu l-opportunità li jispjega fil-kors tax-xhieda tiegħu u bħalma ċertament ser ikun ikkonfermat mill-istess Dipartiment!

Fil-każ odjern, l-esponenti pprova sal-grad tal-probabbli, li effettivament ma kienx huwa l-persuna responsabbli mill-ħlasijiet dovuti u wisq anqas mill-mili tal-formoli relattivi.

Tenut kont ukoll li hawn si tratta ta' *culpa*, lanqas ma rnexxielha l-prosekuzzjoni f' dan il-każ ma tilħaq il-livell tal-prova minnha mistenni li effettivament uriet ċerta nonkuranza u/jew traskuraġini da parti tal-esponenti vis-à-vis l-Kap. 372!

Anzi ġara l-oppost. L-esponent ipprova li huwa eżerċita d-diliġenza kollha xierqa biex jiġi evitat l-għemil tar-reat ad oppost tal-*culpa* lilu attribwita. Mill-atti tal-kawża huwa ċar li nġiebu diversi xhieda li kkorroboraw dak li qiegħed jisħaq l-esponent, stante li dan ġie kkonfermat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. L-appellant kien wiehed mid-Diretturi tas-Socjeta' Mr. Sub Limited mill- 1 ta' Marzu 1998 fejn il-Memorandum u Articles of Association aggornati waslu ghand ir-Registratur tal-kumpanniji fit- 18 ta' Marzu 1998[3] u rrizenja fl- 14 ta' Novembru 1999;[4]

2. Skont il-Memorandum of Association, senjatament a fol 17 tal-atti processwali jirrizulta li Albert Robert De'Emanuele kien il-Managing Director;

3. Irrizulta li filwaqt ghal dak li jirrigwarda s-sena 1998 id-dokumenti u cioe' formoli tat-taxxa gew intavolati sena wara, saru biss ftit pagamenti ghal dik is-sena u cioe' ghas-sena 1998. Filwaqt li fis-sena 1999 ma sar l-ebda pagament u ma gewx intavolati formoli tat-taxxa da parti tal-kumpannija;

4. Ghaldaqstant inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant bhala direttur tal-kumpannija Mr. Sub Limited.

Illi din il-Qorti sejra fl-ewwel lok in succint taghmel referenza ghal provi prodotti f'din il-kawza. Quddiem l-Ewwel Qorti fit- 23 ta' Marzu 2012 xehdu **Emmanuel**

[3] Skont fol 14.
[4] Skont fol 9.

**Farrugia** u **Dr Claudette Fenech** in rapprezentanza tal-MFSA izda x-xhieda taghhom mhijiex traskritta.

Giet ipprezentata *letter to prosecute* sabiex il-Pulizija jiprocedu kriminalment kontra Anthony Ellul ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mr. Sub Limited (C19221) bin-numru tal-P.E. 701499 talli naqas li jibghat lil Kummissarju tat-Taxxi l-formoli tat-taxxa (FS3, FS7 u FS5) inkluz kull pagament ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta socjali dovuti ghas-snin 1998 u 1999. Din tinsab a fol 4.

Fis-seduta tat- 18 ta' Mejju 2012 quddiem l-Ewwel Qorti xehdet **Daniela Azzopardi** in rapprezenza tal-MFSA u prezentat Memorandum and Articles of Association, dokument DA1 u ittra datata s- 17 ta' Lulju 1998 immarkat bhala DA. Skont fol 14 kien fit- 18 ta' Marzu 1998 meta kien gie prezentat Memorandum and Articles of Association godda lir-Registratur tal-Kumpannija fejn jirrizulta li mill- 1 ta' Marzu 1998 id-diretturi kienu Albert Robert D'Emanuele u Anthony Ellul. Filwaqt li kien ufficjalment fl- 14 ta' Novembru 1999 li Anthony Ellul irrizenja mill-pozizzjoni ta' direttur tal-kumpanija. Ix-xhieda ta' Daniela Azzopardi moghtija quddiem l-Ewwel Qorti mhijiex traskritta.

Xehed **Fredrick Clark** fil- 25 ta' Mejju 2012 quddiem l-Ewwel Qorti izda x-xhieda tieghu mhijiex traskritta. Dan ix-xhud ma regghax xehed quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Xehed l-imputat quddiem l-Ewwel Qorti fit- 12 ta' April 2012 u prezenta ittra Dok AE1. Gie vverbalizzat li l-Prosekuzzjoni mhux qed tikkontesta l-veracita' tal-ittra esebita bhala Dok AE1. Ix-xhieda tal-imputat lanqas ma hija traskritta. Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2013 xehed Stefan Azzopardi u prezenta dokument immarkat bhala SA1. Din ix-xhieda ukoll mhijiex traskritta.

Ix-xhieda ta' **Adrian Gabaretta, Joseph Saliba** u **Stefan Azzopardi** moghtija fl- 14 ta' Gunju 2013 mhijiex traskritta. Fl-istess seduta gie prezentat Dokument JS1 minn Joseph Saliba.

Gew prezentati ukoll dokumenti B1 sa B14, A1 u A2 u Dok C1. Adrian Gabaretta ma xehedx quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Stante li kif inghad ix-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti mhijiex traskritta, din il-Qorti mhijiex tistrieh fuq ir-referenzi ghax-xhieda maghmulha fis-sentenza appellata izda sejra tistrieh fuq ix-xhieda mressqa quddiem din il-Qorti.

Quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta xehed Stefan Azzopardi fil- 15 ta' Lulju 2015. Ix-xhieda tieghu izda ma tirrigwarda s-socjeta' in kwistjoni izda tirrigwara Salamander Janitor Services u ghalhekk mhijiex relevanti ghal dawn il-proceduri.

Quddiem din il-Qorti fil- 11 ta' Gunju 2020 xehed Emanuel Farrugia Senior Clerk id-Dipartiment tat-Taxxa. Xehed li '*rigward is-sena 1998 id-dokumenti gew imdaħlin sena wara li suppost daħlu u pagamenti saru għal Jannar, Frar, Marzu, April u Diċembru u fadal bilanċ ta' bolla pura ta' elfejn ħames mija, sitta u sebgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu.*' Mistoqsi dwar il-bilanc qal li '*Elfejn ħames mija, sitta u sebgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€2576.86). Rigward is-sena 1999 la dokumenti ma ġew sottomessi u lanqas pagamenti.*' Mistoqsi kemm u l-ammont dovut wiegeb li ma jafx. Xehed li d-dokument a fol 4 hija letter to prosecute.

Stephen Azzopardi xehed quddiem din il-Qorti fil- 11 ta' Gunju 2020. Xehed li jahdem l-Income Tax Department fil-collection section fil-grad ta' Senior Principal Officer. Xehed li '*Fir- rigward ta' Mr. Subs Ltd. PE number 701499, fuq is-sena 1998 l-FS 7's U L-FS 3's ġew submitted u fis-sena 1999 ma ġewx submitted.*' Fin-1999 ma gewx sottomessi l-FS3's u l-FS7's. Xehed li '*Rigward bolla u taxxa dovuta bl-FS 5, fin-1998 saru xi pagamenti fix-xhur Jannar, Frar, Marzu u April u Diċembru, l-kumplament tal-pagamenti ma sarux. Fir-rigward tan-1999 il-pagamenti ma sar l-ebda pagament.*' Mistoqsi jekk hallashom fil-fra temp jew baqghu mhux imhallsa wiegeb li le ma sar xejn minn dak iz-zmien. Spjega li d-dokuemnt a fol 70 huwa l-mod kif jigu entrati fis-sistema l-FS

3's li jidhlu. Fin-1999 dahlet FS3 wahda minn naha ta' xi impjegat li kellu fuq dik is-sena, saru jafu biha mhux ghax l-employer baghat l-FS3 lid-Dipartiment, imma ghax l-impjegat baghat l-FS3 biex jiddikjara id-dhul tieghu. Fol 73 hija kopja ta' FS3 sottomessa ghas-sena 1998 jahseb li Edward Spiteri kien jismu l-impjegat, wahda mill-FS3 li giet submitted minn naha tal-employer. Id-dokument a fol 74 huwa l-istess. Hija FS3 li giet sottomessa lid-Dipartiment tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) ta' Sharon N. Vella. A fol 75 hija FS 3 sottomessa tas-sena 1998 tal-impjegat Matthew Harvey u a fol 76 hija wkoll FS3 tan-1998 ta' David Zarb Jenkins. Fol 77 tan-1998 ta' Bernardette Ellul, a fol 78 FS3 tan-1998 ta' Daniela Azzopardi, a fol 79 hija FS3 tan-1998 ta' Mauro Camilleri, a fol 80 hija FS 3 tan-1998 ta' Mark Doneo, a fol 81 hija FS3 tan-1998 ta' Vincent Niece[5], a fol 82 hija FS3 tan-1998 mela l-isem ma jidhirx kollu, l-kunjom huwa Ashur Fahima, a fol 83 hija FS3 tan-1998 ta' Ramon Mercieca, a fol 84 hija FS3 tan-1998 ta' Enrique Cachia[6], a fol 85 hija FS3 tan-1998 ta' Jesmond Falzon, a fol 86 hija FS3 tan-1998 ta' Shaun Pace[7] u a fol 87 ma ghandhiex x'taqsam ma' FS3s.

A fol 87 u 88 huma parti minn kopja ta' tax returns li baghtu l-impjegati li kienu qed jiddikjaraw xi dhul mill-PE number 701499 filfattt fis-sources hemm ikwotat dan il-PE number. A fol 89 hija l-istess haga screen shot ta' source ta' tax payer ta' Mark Doneo filfatt qed juri dhul mis-source 701499. Dan jigifieri biex jaghmlu verifika li vera l-impjegati kellhom is-source, kellhom id-dhul minn din il-kumpanija. A fol 90 huma l-FS 3 entries ta' Mark Doneo an-1999 f'dan il-kaz filwaqt li a fol 91 huma l-FS3 l-entries tal-FS3's kollha li dahlu fid-dipartiment li kienu jammontaw ghal 29 fejn fihom qed jara li t-tax deductions kienu 361 ghal main employments u 80 ghal part timers u bhala bolla 2379.30 bil-munita' Maltija. A fol 92 hemm lista kollha tal-impjegati kollha li dahlet l-FS3 taghhom.

In kontro-ezami mistoqsi fol 73 sa 86 minn min huma ffirmati, wiegeb li mid-direttur l-iehor Robert Demanuele.

---

[5] L-isem fuq id-dokument a fol 81 huwa Vincent Niesz.
[6] L-isem fuq id-dokuemnt a fol 84 huwa Enrick Cachia.
[7] L-isem fuq id-dokument a fol 86 huwa Sean Pace.

L-imputat Anthony Ellul xehed min jeddu u b'mod volontarju fil- 11 ta' Gunju (2020 fejn mistoqsi jikkonferma x'relazzjoni ghandu mal-kumpanija Mr Subs bejn il-1998 u 1999 qal li '*In reality I entered into the company from a due diligence point of view, within a due diligence but we were confirmed on it so we entered partial share holding. I entered as a Director to continue the due diligence.*' Xehed li '*Robert Demanuel is the one that opened up Mr Subs and was operating the company before we entered ... we were going to do business together but we did not.*' Mistoqsi kemm dam fil-kariga u ghalfejn irrizenja wiegeb li '*we were doing the due diligence, then we entered into an agreement that we will continue doing the due diligence and the obviously we would continue, but after 4 months of entering into the business we found that it was not going to be viable, so we decided to pull out but there was an issue. Since i became a director, when we came to do the Form K, again at that time Robert could not remain secretary to the Director asewell, so he asked me if I could stay for just a couple of months until he gets the paperwork where he is going to find someone else to take my place. i relunctantly agreed but to make along story short the lawyer , our lawyer at that time...*' Spjega li l-Avukat kien '*Adrian Gabaretta. I spoke to Adrian Gabaretta as obviously I wanted to resign from Director and the Form K what happened was that in.. I think it was 1999 early 1999, the law was ammended and Robert was Director and my form went through. So I was acturally there for a year, but really 4 months out of that year.*' Gie muri ittra u qal li hija ittra indirizzata lilu minn Adrian Michael Gabaretta '*refering to my concerns with regard the resignatrion from the directorship from Mr Subs Limited sewwa, and he was attempting to submitted the relative Form K from the companies registry but again like I already explained cos of the Director remaining which was Robert Demanuele right, in other word I would have not been there for a year if it was not for the Form K. That is what this is saying here ... and he informed me that he was trying to find, get hold of Stefan Cauchi from KPMG which was the auditors from Mr. Subs at the time.*'

In kontro-ezami mistoqsi '*fiż-żmien li inti kont direttur ta' Mr. Subs Limited, infurmajt ruħek rigward il-pendenzi li kellkom mad-Dipartiment tat-Taxxa.?*' Wiegeb le. Mistoqsi ghalfejn ma nfurmax ruhu dwar dawn il-pendenzi, wiegeb '*Because I did not have any authority, I did not even have ...*' Mistoqsi '*Imma jekk kont direttur kif ma nfurmajtux ruħek rigward il-pendenzi li kellkom mad-Dipartiment tat-Taxxa. Inti kellek kull interess li tiċċekja x'pendenzi kien hemm.*' Wiegeb '*... we were doing the due diligence and when we found that .. we were not happy not because of that issue, we were not happy with the system, we pulled*

*out ... yes kein nuqqas li we did not, but you are in a position that you are there for 4 months and even the employees that were being mentioned, I have never seen ... what did they say? I never seen twenty nine, as far as I was aware there was only two, but again we did not continue on with the due diligence we pulled out.'*

**Joseph Saliba** xehed fil- 11 ta' Gunju 2020 b'referenza ghal fol 22 qal li '*din hija lista ta' mpjegati li kien hemm għand Mr. Subs minn 1/2/2001 sa 13/6/2013 skond id-database dak iż-żmien kien hemm 2 minn nies.*' Tnejn minn nies Demanuel Eman u Saliba Jordan. Dawn in-nies milli qed jara mid-dokument engagement u termination date. Qal li meta esebixxa d-dokument, l-impjieg taghhom kien gie terminat Ta' Eman Demanuele 1/9/2011 u ta' Saliba Jordan terminat fit-30/5/2011. Tajjeb li jigi mfakkar li s-snin mertu ta' din il-kawza huma l-elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) u l-elf, disa' mija u disgha u disghin (1999).

Jirrizulta li ghalkemm id-difiza fis-seduta tas- 6 ta' Frar 2020 kienet iddikjarat li baqghu jixhdu Frederick Clark (KPMG), l-appellant, Adiran Gabarretta u Joseph Saliba (ETC), kemm Frederick Clark kif ukoll Adiran Gabarretta baqghu ma xehdux quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant qieghed jressaq sottomissjonijiet dwar l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Interpretaion Act. Jissottometti li l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-ligi, senjatament fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabilita' tal-artiklu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Jissottometti li s-sentenza citata mill-Ewwel Qorti ossia **'Il-Pulizija vs Antonio Busuttil'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis- 6 ta' Dicembru 2012 ma ssibx konfort fl-intenzjoni tal-legizlatur. Jissottometti li minkejja li l-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa meqjus bhala ligi specjali, sabiex l-artikolu 13 tal-Interpretation Act ma japplikax, trid tkun l-istess ligi specjali li trid tipprovdi mod iehor. Jissottometti li kieku wiehed kellu jaghmel

kronologija ta' importanza tal-ligijiet, wara l-Kostituzzjoni ta' Malta, wara '*l-Kap 14*' tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, wara l-Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, jigi ezattament l-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta imbaghad wara l-kumplament tal-ligijiet kollha inkluz il-Kapitolu 372.

Skont l-appellant, l-argumentazzjoni tal-Qorti fis-sentenza citata, fil-prattika jfisser li l-provisions tal-Intrepretation Act ma jistghu qatt jigu invokati ghax b'xi mod jew iehor kull ligi hija wahda ta' natura specjali jew fiha nfisha jew fl-origini taghha. Jissottometti li analizi tad-dibattiti parlamentari turi kif il-legislatur fl-ebda hin u mument ma ried li b'xi mod l-Interpretation Act ikun applikabbli biss ghal Kodici Kriminali, Kodici Civili u/jew ghal Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottometti li kieku l-hsieb tal-legislatur in rigward l-applikabilita' tal-Interpretation Act hija kif citat fis-sentenza ta' Busuttil, ifisser li perezempju, kull ligi li nkitbet wara, trid *sine qua non* tinkiteb kemm fil-maskil kif ukoll fil-femminil, fl-istess nifs. Li dan certament ma huwiex il-kaz. Li dejjem jirrenjaw id-disposizzjonijeit tal-interpretation Act mill-mument tat-tfassil ta' ligi, sal-mument tal-implimentazzjoni taghha, sakemm l-istess ligi gdida ma tiddisponix xort'ohra. Il-Kapitolu 372 fl-ebda mument ma jishaq li l-Interpretation Act qieghed jigi eskluz. Li meta l-legislatur ried li jiddipartixxi mill-applikabilita' tal-Interpretation Act, fl-Att tal-Parlament il-gdid, ikun hekk imfassal u ddikjarat. Jissottometti li l-applikazzjoni zbaljata tal-artikolu 13 tal-Att. 249 wasslet ghal konkluzjoni errata in kwantu d-dikjarazzjoni ta' htija tal-appellant.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 15 tal-Avviz Legali 88 tal-1998 u cioe' ir-Regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS) jipprovdi li:

'*(1)* ***Kull pagatur għandu****, sal-aħħar ġurnata tax-xogħol tax-xahar li jiġi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun ħallas emolumenti, jagħti lill-Kummissarju l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa jew li kellha titnaqqas minn dawk l-emolumenti skond dawn ir-regoli.*

*(2) Ir-rimessa li hi dovuta li ssir lill-Kummissarju taħt il-paragrafu (1) ta' din ir-regola għandha tintbagħat mill-pagatur flimkien ma' dak it-tagħrif li jkun meħtieġ li jingħata fuq il-formola msemmija fir-regola 20 ta' dawn ir-regoli li għandha timtela u tiġi ffirmata mill-pagatur.*
*(3) Jekk ir-rimessa meħtieġa li ssir skond il-paragrafu (1) ta' din ir-regola ma tasalx għand il-Kummissarju sad-data dovuta, jew inkella, jekk l-ammont imħallas ikun inqas minn dak li kien dovut li jitħallas, il-Kummissarju għandu jiddeċiedi skond l-aħjar fehma tiegħu x'kellu jkun l-ammont totali ta' taxxa mnaqqsa li kellu jitħallas mill-pagatur u jinnotifikah b'avviż ta' nuqqas ta' tħaris skond ir-regoli 24 ta' dawn ir-regoli li bih jitolbu jħallas, b'żieda ma' kull taxxa addizzjonali imposta bl-istess avviż, l-ammont jew id-differenza, skond il-każ, f'dak iż-żmien li jiġi hekk indikat f'dak l-avviż.'*

"pagatur" f'dan l-Avviz Legali ifisser '*kull persuna li tħallas l-emolumenti, jew li tħallas, jew li jkollha tħallas, emolumenti kemm akkont tagħha jew f'isem xi persuna oħra u tinkludi Dipartimenti tal-Gvern, persuni fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, korporazzjonijiet pubbliċi u l-uffiċjali tagħhom, u korpijiet ta' nies oħra u l-uffiċjali tagħhom;*'

Dan ifisser li r-responsabbilita' kemm tal-pagament kif ukoll tal-intavolar tal-formoli tat-taxxa hija tal-pagatur. Mill-atti jirrizulta li l-appellant kien Direttur tas-socjeta' Mr. Sub Limited mill- 1 ta' Marzu 1998, fejn il-Memorandum and Articles of Association waslu ghand ir-Registratur tal-Kumpannija fit- 18 ta' Marzu 1998 u rrizenja effettiva sehhet fl- 14 ta' Novembru 1999. Jirrizulta mill-atti li l-appellant prova jirrizenja minn din il-kariga qabel, tant li giet ipprezentata ittra a fol 68 datata t- 18 ta' Jannar 1999 fejn saret referenza ghal fatt li l-Form K u cioe' in-notifika tar-rizenja tieghu ma gietx accetatta fejn kien mehtieg li jkun hemm segretarju tal-kumpanija iehor. Din l-ittra intbaghtet minn Dr Adrian Michael Gabarretta. Din l-ittra li tinsab a fol 68 u hija indirizzata lil

'*SALAMANDER JANITOR SERVICES LIMITED,*
"*SALAMANDER BUILDINGS*",
*TRIQ IT-TIGRIJA,*
*MARSA*

*ATTN: Mr. ANTHONY ELLUL'*

u fejn hemm imnizzel:

*' Dear Tony,*

*I refer to the matter concerning your resignation from the directorship of Mr. Sub Limited. You will recall that, on attempting to file the relative Form K at the Companies Registry notifying it of your resignation, the filing of the Form K was not accepted in view of the fact that it is not possible fr the sole remaining director to also be a Company Secretary. For this reason it was suggested that the post of Company Secretary be vested in the person of a third party to be appointed for the purpose. I have been in contact over a number of occasions with Mr. Stefan Cachia of KPMG (Tel. 233188/230262) who appears to be handling the accounts of this company. However Mr. Cachia has despite his efforts been unable to get any response from his client. In order to avoid a stalemate on this issue, may I kindly ask you to contact the director of this company with a view to making mutual arrangements for the designation of another person as Company Secretary (and the relative filings) which would then open up the way for you to resign from the company.*

*Yours sincerely,*

*Dr. Adrian Michael Gabarretta'*

Ir-regolamenti 29 u 30 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 jipprovdu li:

*'29. Meta żewġ persuni jew aktar jitqiesu li flimkien huma l-pagatur dwar xi payee għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet imposti fuq pagaturi b'dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew imposti fuqhom solidalment.*

*30. Il-manager, uffiċjal prinċipali ieħor jew stralċjarju ta' xi korp ta' persuni ikun personalment responsabbli għal kull ħaġa li tkun meħtieġa li ssir taħt dawn ir-regoli minn jew f'isem dak il-korp ta' persuni'*

F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismjiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'</u>**[8] gie kkunsidrat li:

*'Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali.'*

Skont il-letter to prosecute prezentata a fol 4 tal-atti processwali, is-socjeta' Mr. Sub Limited bhala l-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi kellha in-numru tal-P.E. 701499 fejn naqset milli tibghat lil Kummissarju tat-Taxxi l-formoli tat-taxxa (FS3, FS7 u FS5) inkluz kull pagament ta' taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurta' socjali dovut ghas-snin 1998 u 1999. L-appellant ghalhekk bhala wiehed mid-Diretturi ta' din is-socjeta' fis-snin indikati fic-citazzjoni jaqa' taht id-definizzjoni ta' pagatur.

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza msemija fl-appell li giet citata mill-appell b'disapprovazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil'</u>**[9] gie kkunsidrat li:

*'Huwa pacifiku u inkontestat li l-imputat Antonio Busuttil kien direttur tas-socjetà Marsalite Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Hu wkoll pacifiku u inkontestat illi bhala direttur, l-imputat Busuttil kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni d-denunzji tat-taxxa u l- hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza – xi haga illi huwa naqas milli jaghmel.*

*Il-fatt illi huwa kien qed jiehu hsieb is-sales u kien hemm haddiehor jiehu hsieb l-*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)

*amministrazzjoni tal-kumpanija ma tbiddilx din is-sitwazzjoni. L-arrangamenti interni fil-kumpanija hija xi haga personali tad-diretturi u ma taffettwax id-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta xi nuqqasijiet fil-kumpanija. Ghalhekk huwa inutli illi l-imputat jargumenta illi huwa kien fuq sales jigri barra u l-gestjoni tal-kumpanija kienet f'idejn haddiehor u li qatt ma ssemma xi problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fil-laqghat li kien ikollhom tal-kumpanija peress illi dawn huma affarijiet interni tal-kumpanija li ma jaffettwawx id- dritt tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li ghandu dritt idur fuq kwalunkwe direttur jekk jirrizulta nuqqas ta' hlasijiet dovuti lill-Kummissarju.'*

Dwar l-applikabbilita' o meno tal-artikolu 13 tal-Intepretation Act, fl-istess sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil**'[10] gie kkunsidrat li:

*'F'dan il-kaz l-imputat qieghed jargumenta illi huwa osserva d-dispost tal-artiklu 13 tal-Interpretation Act illi ghamel minn kollox sabiex huwa jassigura illi ma jsirx dan ir-reat u fi kwalunkwe kaz ma kienx jaf illi dan ir-reat qed isir. Din il-Qorti taghmilha cara illi l-Interpretation Act ma tistax tigi applikata ghal din il-ligi peress illi din hija ligi specjali illi tkopri mizuri fiskali tal-Gvern u ghalhekk hija din il-ligi illi ghandha tigi applikata u mhux l-Interpretation Act. Direttur ta' kumpanija, sew jekk ikun fl- amministrazzjoni, sew jekk ikun fuq is-sales, ghandu l-obbligu illi jassigura illi d-drittijiet statutorji tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigu osservati u mhiex skuza illi tghid illi kien hemm persuna partikolari sabiex tiehu hsieb l- amministrazzjoni u d-dokumenti tas-socjetà. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax ticcensura lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi ghazel illi jfittex lill-imputat ghal dawn ir-reati flok direttur iehor.'*

Simili ghal dan, fi-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) Vs David Agius'**[11] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-appellant izda jikkontendi illi huwa ma kienx il-persuna responsabbli ghall- obbligi fiskali kif hawn fuq imfissra u dan ghaliex kien id-direttur Nazzareno Cauchi li kien responsabbli għall-amministrazzjoni u għall-aspetti finanzjarji tal-kumpannija. Jishaq illi hu kien biss responsabbli għal aspett ta' manifattura u kien biss lejn l-aħħar meta s-sitwazzjoni finanzjarja kienet waħda prekarja, li l-appellant kien indaħal sabiex jipprova jsolvi il-pendenzi*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 113/2013)

*fiskali, inkluz allura li isiru l-prospetti tal-FSS kif ukoll li jsir il-ħlas relattiv. Jishaq inoltre illi l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta tagħtiħ komfort u essenzjalment teżonerah mir-responsabbilta' penali għar-raġunijiet imfissra minnu u kwindi ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta stqarret li l-artikolu 13 tal- Kapitolu 249 ma japplikax għal dan il-każ in vista tal-fatt li skond l-Ewwel Qorti l-liġi tat-taxxa hija liġi specjali li tissupera d-disposizzjonijiet generali li jirregolaw is- socjetajiet kummercjali.*

*Illi huwa bil-wisq evidenti mid-disposizzjonijiet tal-ligi hawn fuq iccitati illi l- appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju minnu intentat. Ir-responsabbilta tal- "pagatur" tohrog mill-ligi specjali li tirregola il-Final Settlement System. Illi fuq kollox d-decizjoni mpunjata ma ghamlitx referenza ghad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, izda strahet fuq il-gurisprudenza u d-duttrina li titkellem dwar ir-responsabbilita' penali tad-direttur ta' socjeta' kummercjali u dan meta fost ohrajn issir referenza ghad-decizjoni Il-Pulizija vs Antonio Busuttil deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-06 ta' Dicembru 2012, fejn kienet involuta l- istess socjeta' kummercjali.*

*Dan ghaliex minn qari tad-disposizzjonijet tal-Legislazzjoni Sussidjarja hawn fuq iccitata jirrizulta illi l-legislatur ried ighabbi lid-direttur u l-manager, jew funzjonarji ohra ta' socjeta' kummercjali bir-responsabbilta ghal hlas tal-erarju pubbliku, kif ukoll ghall-obbligi l-ohra fiskali. Gjaldarba jirrizulta illi l-appellant kien wiehed mid- diretturi tas-socjeta' mertu tal-kaz, kwindi ir-responsabbilta penali kienet taqa' fuqu ukoll tant illi l-ligi tqiesu personalment responsabbli u in solidum mad-diretturi l-ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lill-Kummissarju.'*

L-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius) vs Jeanne Borg'**[12] fejn inghad li:

*'Illi l-appellanta dejjem saqhet li hi ma kellhiex il-gestjoni tas-socjeta' imsemmija. L-unika haga li ghamlet hi li gibdet l-attenzjoni ta' Joseph Balzan li kellhu jottempera ruhu mal-ligi. L- appellanta lanqas ma kienet firmatarja tal-kont jew kontijiet bankarji tas-socjeta' u il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li hi kienet involuta f'xi mod fil-gestjoni ta' l-istess. Fil-fatt min imkien ma jirrizulta li l-appellanta ffirmat xi dokument li torbotha mal-gestjoni ta' din is- socjeta'. Frankament, izjed minn hekk l-appellanta ma setghetx taghmel u ir-rizenja*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Ottubru, 2017 (Appell numru: 281/2012)

*taghha minn direttur kif ukoll minn "company secretary" huma xhieda ta' nuqqas ta' trasparenza fl- amministrazzjoni tas-socjeta' u ukoll nuqqas ta' djalogu fi hdan il-bord tad-diretturi.*

*Illi meta wiehed janalizza l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-Interpreatazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma hemm ebda dubju li r-reat askritt lill-appellanta sar minghajr it-taghrif taghha u fil- fehma ta' din il-Qorti hi ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Wiehed ma jridx jinsa dak li nqal hawn fuq li Joseph Balzan, li hu l-"managing director" tas-socjeta' ikkonsenja id-dokumenti lid-dipartiment fis-sena 2011.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanta ma kellha ebda kontroll tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq il-finanzi tas-socjeta'. Makellha ebda kontroll fuq il-pagamenti tas-socjeta'. Ma kellha ebda kontroll fuq l-impjegati tas-socjeta' u ma kellha kontroll ta' xejn ta' din is-socjeta'.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-Qrati mhux dejjem hadu l-istess linja rigwardanti l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Interpretation Act.

Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Carmelo Cutajar'**[13], il-Qorti ma qiesitx li l-artikolu 13 tal-Att tal-Interpretazzjoni ma japplikax. Qieset li:

*'Issa fl-ewwel parti tal-aggravju, l-appellant jissottometti li huwa ma kellux kontroll effettiv tal-kumpanija u li fi kwalunkwe każ għandu japplika l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249). Kien għalhekk li huwa xehed u tella' diversi xhieda sabiex juri kif id-diretturi l-oħra kienu prattikament imexxu kollox u li huwa ma kienx stmat fil-kumpanija.*

*Dwar dan l-Ewwel Onorabbli Qorti nnotat li l-appellant bagħat it-riżenja tiegħu fis-sena 2000 (fejn għalaq sittin sena kif wieħed jista' jara mill-ID Card). Sa dak iż-żmien ma kien għamel l-ebda ċaqliqa (u dan ikopri tliet snin li hemm indikati fiċ-ċitazzjoni: 1998, 1999 u 2000).*[14]

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Frar, 2013 (Appell Kriminali Numru: 104/2012)

[14] Mill-fedina penali tal-appellant jidher li kien hemm diversi każi oħra quddiem il-Qorti tal-

*Jista' jkun veru li r-relazzjonijiet mad-Diretturi l-oħra ma kinux mill-aħjar. Jista' jkun veru wkoll li l-appellant saħansitra kien jgħid lill-impjegati l-oħra biex imorru jkellmu lil ħutu dwar pagi jew leave. Iżda dawn l-istess fatti juru li l-impjegati l-oħra kienu xorta qegħdin iqisuh bħala persuna li għandu status differenti minn tagħhom. Il-Qorti mhix taċċetta l-argument li l-appellant għandu jkun liberat minn kull dmir li timponi fuqu l-liġi bħala direttur meta naqas li jikkonsulta sew ma' min jifhem f'din il- materja beix jara li jkun regolarizzat kollox. Għalhekk mhix qed taċċetta dik il-parti tal-aggravju mmarkata (a) għaliex mhix konvinta li l-appellant, bħala direttur, kien ħa dawk il-passi meħtieġa biex jara l-pożizzjoni korretta legali tiegħu u, sakemm din tkun iċċarata, jara li l-obbligi li jaqgħu fuq is-soċjeta' li tagħha kien direttur ikunu segwiti.'*

Jirrizulta li Anthony Ellul ma kienx l-uniku Direttur ta' din il-kumpannija mill- 1 ta' Marzu 1998 sa' meta rrizenja effetitvament fl- 14 ta' Novembru 1999 izda kien hemm direttur iehor u cioe' Albert Robert D'Emanuele li sont il-Memorandum of association kien il-Managing Director.

L-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kul lpersuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha uli tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:*

---

Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn l-appellant tħarrek bħala direttur (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata hamsa (5) fis-sentenza appellata.)

*Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.*'

L-artikolu 2 tal-Kapitolu 249 jiddefinixxi '*Att*' bhala '*Att tal-Parlament u kull Att ieħor mgħoddi mill-Leġislatura ta' Malta u tinkludi kull kodiċi, ordinanza, proklama, ordni, regola, regolament, bye-law, avviż jew dokument ieħor ligħandu saħħa ta' liġi f'Malta barra minn kull dokument li għalih japplika l-Att tal-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq imsejjaħ "The Interpretation Act, 1889"*'

Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant dwar l-applikabbilita ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ghal kaz odjern. Il-ligi fiskali hija wahda specjali u tpoggi certu obbligi fuq persuni responsabbli ghall-obbligi fiskali. Ghalhekk gialadarba diretturi ghandhom obbligi fiskali fejn huma meqjusa responsabbli ghall-intavolar ta' formoli ta' taxxa u pagamenti lil Kummissarju tat-Taxxi ghan-nom tas-socjeta', l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax. Id-direttur huwa responsabbli personalment u in solidum mad-diretturi ohra ghal hlasijiet kollha dovuti lil Kummissarju tat-Taxxi, ghalhekk id-direttur huwa meqjus responsabbli ghal tali obbligi ghan-nom tal-kumpannija irrispettivament tal-irwol li huwa setgha kellu fil-kumpannija.

Dn l-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

In vista tal-fatt li hemm gurisprudenza kunfliggenti dwar l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta meta si tratta ta' nuqqasijiet taht l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru tal-Gustizzja sabiex isiru l-emendi necessarji sabiex jigu evitati interpretazzjonijiet konfliggenti.

Ikkusnidrat;

Illi t-tieni aggravju bl-ittra 'b' jirrigwarda r-rizenja forzata tad-direttur. L-appellant lanqas ma jaqbel mal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi minnha maghmul in kwantu r-rizenja tieghu mill-kariga ta' direttur tas-socjeta' mertu tal-proceduri. Jaghmel referenza ghal raggieri u ghal kamp civili f'dak li jirrigwarda meta persuna tkun ingannata. Jissottometti li l-appellant gie ingannat da parti ta' Robert Demanuele in kwantu l-franchise agreement li s-socjeta' kellha. Li malli assuma l-kariga ta' direttur, huwa intebah li ma kienx minnu li kien jezisti dan il-franchise agreement. Jghid li kien biss minhabba din ir-raguni li l-appellant ma setghax ikompli jassumi l-kariga ta' direttur. Beda l-ezercizzju sabiex ma jibqax direttur, tenut kont tal-frodi minnu subita, mill-ewwel mument li ntebah bl-ingann li huwa sofra. Kien biss minhabba ragunijiet li ma kellux kontroll fuqhom li effettivament ir-rizenja sfurzata tieghu giet registrata f'Novembru 1999 u mhux qabel. Li ghalhekk l-appellant ma poggiex lilu nnifsu f'pozizzjoni ta' self-inflicted impossibility stante li bhala vittma ta' frodi ma kellux triq ohra ghajr li jahrab mill-ghawg u saram li sab ruhu fihom intortament. Jissottometti li '*Jekk għall-grazzja tal-argument xi ħadd jargumenta bil-kontra tas-su espost, ikun qisu qiegħed jisħaq li min fiż-żwieġ qiegħed jiġi maħqur għandu jibqa' fid-dar matrimonjali sabiex ma jitlifx id-dritt fuq id-dar matrimonjali!*'

L-Ewwel Qorti wara li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs Antonio Busuttil"**[15] ikkunsidrat li '*tenut kont ta' dan l-insenjament u tenut kont tal-fatt li l-imputat irrizenja volontarjaent, u li fil-perjodu li kien direttur ma nfurmax ruhu dwar l-obbligi fiskali tas-socjeta' minnu rapprezentata u ma ha l-ebda inizjattiva fir-rigward, huwa ghandu jinzamm responsabbli ghall-obbligi fiskali tal-kumpanija naccenti fil-perjodu li huwa taghha huwa kien direttur.*'

Din il-Qorti tqis li mill-atti ma jirrizultax pruvat li l-appellant kien vittma ta' frodi f'dak li jirrigwarda s-socjeta' in kwistjoni. Din il-Qorti sejra terga taghmel referenza ghax-xhieda tal-imputat moghtija quddiem din il-Qorti fil- 11 ta' Gunju 2020. Huwa ma jsemmi l-ebda frodi u lanqas franchise agreement, li jghid huwa li '*I just entered into the company from a due diligence point of view, within a due diligence but we were*

---

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Dicembru, 2012 (Appelli numri 162/2012 u 180/2012)

*confirmed on it so we entered partial share holding. I entered as a Director to continue the due diligence.'* Jghid li '*Robert Demanuel is the one that opened up Mr Subs and was operating the company before we entered... we were going to do business together but we did not.'* Xehed li '*we were doing the due diligence, then we entered into an agremeent that we will continue doing the due diligence and then obviously we would continue, but after 4 months of entering into the business we found that it was not going to be viable, so we decided to pull out but there was an issue. Since I became a director, when we came to do the Form K, again at that time Robert could not remain secretary to the Director asewell, so he asked me if I could stay for just a couple of months until he gets the paperwork where he is going to find someone to take my place. I reluctantly agreed but to make along story short the law, our lawyer at that time'* li kien Adrian Gabaretta. Jghid li '*I spoke to Adrian Gabaretta as obviously I wanted to resign from Director and the Form K what happened was that in ... I think it was 1999 early 1999, the law was ammended and Robert was Director and my form went through. So I was actually there for a year, but really 4 months out of that year.'* Saret referenza ghal ittra a fol 76, li din il-Qorti qieghda tifhem li l-ittra tinsab a fol 67 mhux 76 kif indikat fit-traskrizzjoni tax-xhieda. In kontro-ezami ikkonferma li ma infurmax ruhu dwar il-pendenzi li kellhom mad-Dipartiment tat-Taxxa, jghid li ma kellu l-ebda awtorita'. Suggeriet lilu li kellu kull interess li jiccekja x'pendenzi kien hemm wiegeb li '*we were doing the due diligence and when we found that ... we were not happy not because of that issue, we were not happy with the system, we pulled out ... yes kein nuqqas li we did not, but you are in a position that you are there for 4 months and even the employees that were being mentioned, I have never seen ... what did they say? I never seen twenty nine, as far as i was aware there was only two, but again we did not continue on with the due diligence we pulled out.'*

Ghalhekk l-appellant ma ressaq l-ebda prova li kien vittma ta' frodi. Ghalhekk ir-rizenja tal-appellant kienet wahda volontarja anke jekk jirrizulta mill-atti li l-intenzjoni tal-appellant kien li jirrizenja hafna aktar kmieni meta r-rizenja giet accettata, tant li a fol 68 giet ipprezentata ittra datata t- 18 ta' Jannar 1999 fejn saret referenza ghal fatt li l-Form K u cioe' in-notifika tar-rizenja tieghu ma gietx accetatta fejn kien mehtieg li jkun hemm segretarju tal-kumpanija iehor u ghalhekk ghalkemm jirrizulta li l-appellant ried jirrizenja ferm qabel ma effettivament giet accetta r-

rizenja, jibqa' l-fatt li l-appellant kien wiehed mid-Diretturi ta' din il-kumpannija u dan bejn l- 1 ta' Marzu 1998 u fejn irrizenja effettivament fl- 14 ta' Novembru 1999.

Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju u cioe' dak bl-ittra 'C' jirrigwarda l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 dwar il-persuna responsabbli u jaghmel referenza ghal sentenza. Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant qieghed jaghmel referenza ghat-tieni proviso ta' dan is-subartikolu li jaqra:

'*Iżda wkoll ir-reat taħt dan l-artikolu jibqa' jeżisti sakemm min jagħmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u ħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.*'

Dan is-subartikolu kien ennumerat b'mod differenti qabel l-Att V tal-1998 u in oltre fl-Att V tal-1998 gie mnizzel li '*fit-tieni proviso li hemm mas-subartikolu, minflok il-kliem "jew ta' kull regola magħmula bis-saħħa tiegħu." għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' kull regola msemmija fih."*

Ghalhekk jissottometti li l-legislatur ma kienx qieghed jinvoka l-vicarious liability ghal kull persuna li tokkupa l-kariga ta' direttur fil-mument ta' sur ta' din il-ligi, anzi l-oppost. Ried il-legizlatur li jkun *prosecuable at law and liable for punishment* at law, dik il-persuna li kienet responsabbli mill-hlas tal-istess sommom lid-dipartiment koncernat. Jissottometti li mehtieg li jigi ppruvat il-cupla tal-persuna hekk responsabbli u li trazzan lil dik il-persuna milli aktar 'il quddiem tagixxi b'mod bi ksur ta' din il-ligi, fuqu timponi piena ta' prigunerija, second time round u ghalhekk hemm l-obbligu tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372. Jghid li l-insistenza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kull min huwa direttur huwa awtomatikament responsabbli hija bir-rispett pwerili. Jissottometti li pprova sal-grad tal-probabbli li effettivament ma kienx huwa l-persuna responsabbli mill-hlasijiet dovuti u wisq

anqas mill-mili tal-formoli relattivi.  Tenut kont li hawn si tratta ta' culpa, jissottometti li lanqas ma rnexxielha l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz tilhaq il-livell tal-prova minnha mistenni li effettivament uriet certa nonkuranza u/jew traskuragni da parti tal-appellant vis-a- vis il-Kap. 372.  Jghid li gara l-oppost, li l-appellant ipprova li huwa ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat l-ghemil tar-reat ad oppost tal-culpa lilu attribwita.

Din il-Qorti tqis li anke jekk ghal grazzja tal-argument biss kellha tqis li l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 japplika ghal kaz in kwistjoni, ma tressqet l-ebda prova sal-probabli li l-appellant wera diligenza sabiex ir-reat ma jsehhx. Fil-fatt relevanti hija l-kontro-ezami tal-appellant maghmulha quddiem din il-Qorti. Fejn l-appellant ikkonferma li ma infurmax ruhu dwar il-pendenzi li kellhom mad-Dipartiment tat-Taxxa, jghid li ma kellu l-ebda awtorita'. Suggeriet lilu li kellu kull interess li jiccekja x'pendenzi kien hemm, wiegeb li '*we were doing the due diligence and when we found that ... we were not happy not because of that issue, we were not happy with the system, we pulled out ... yes kein nuqqas li we did not, but you are in a position that you are there for 4 months and even the employees that were being mentioned, I have never seen ... what did they say? I never seen twenty nine, as far as i was aware there was only two, but again we did not continue on with the due diligence we pulled out.*' Nonostante l-fatt li l-appellant ried jirrizenja, huwa bhala direttur kellu jassigura li sakemm jibqa' direttur, il-formoli tat-taxxi qeghdin jigu intavolati u l-hlasijiet qeghdin isiru. Wiehed ma jistax ikun direttur u fl-istess hin jiehu pozizzjoni passiva f'dak li jirrigwarda l-obbligi fiskali.

Dwar dan it-tieni proviso taht l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li dak li jrid ifisser dan il-proviso huwa li Direttur jew min ghandu fuqu responsabbilita' li jottempra ruhu mal-provediment tal-Kapitolu 372 u dan stante li mhuwiex biss Direttur li huwa responsabbli ghal hlasijiet ta' taxxa, izda fejn non si tratta ta' socjeta', il-pagatur xorta wahda huwa responsabbli, jibqa' responsabbli ghal tali hlas anke wara li jkun spicca minn dik il-kariga. Jigifieri l-fatt li Direttur jirrizenja mill-kariga tieghu ma jfissirx li huwa ma jkunx ghadu

responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi ghal tali hlasijiet u obbligi. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs George Vella'**[16]

*'Il--proviso ta' l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghamel ir-reat . . ." Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilta' illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal- Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l- Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partiklulari ta' kariga rrespittivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil- konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissustissi fil-konfront tieghu.*

*Jekk minn naha 'l ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl- inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l- volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat- Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l- appellat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilita. Pero' din il-prova jrid igibha l-appellat jew id- direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d- doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin- nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti.*

*F'din il-kawza skond l-istess Sentenza l-appellat irrizenja minn kariga ta' direttur tas-socjeta fit-28 ta' Novembru, 1998. Minn dicitura ta' din is-Sentenza din il-Qorti tifhem illi din ir-rizenja kienet wahda volontarja u l-istat anti guridiku dahal fih volontarjament u quindi ma jistax f'dan l-istadju jecepixxi d-difiza ta' l-impossibilita' u r- responsabilta' tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa' vigenti. Il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu tibqa' ghaddejja sakemm huwa jottempra ruhu mal-ligi. Ghalhekk l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat mhijiex preskritta. Din il-Qorti sejra tillimita din id-decizjoni ghal din id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' preskrizzjoni peress illi ma tistax tidhol fil-meritu ghax dan ma giex iddibattut quddiemha u x-xhieda lanqas ma giet riprodotta fl-Atti quddiem l-ewwel*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 142/2011)

*Qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs Maria Filippa Bondin'**[17] inghad li:

*'Il-proviso ta' l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghamel ir-reat . . ." Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilta' illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal- Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l- Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partiklulari ta' kariga rrespittivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil- konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissustissi fil-konfront tieghu.*

*Jekk minn naha 'l ohra direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl- inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l- volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat- Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l- appellat ikun jista' jqajjem b'success id-difiza ta' mpossibilita. Pero' din il-prova jrid igibha l-appellat jew id- direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta' probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita' illi hu jaqdi d- doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin- nuqqas ta' din il-prova l-appellat jew direttur jibqa' responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti.'*

Ghalhekk f'din is-sentenza il-kliem '*min ghandu fuqu r-responsabilta*'' ma jfissirx li mhux kull Direttur ghandu din ir-responsabbilta' izda qed jirreferi ghad-Direttur jew ghal kwalunkwe persuna ohra li ghandha din ir-responsabbilta' li tibqa' responsabbli anke wara li jkun spicca mill-kariga tieghu fosthom ta' Direttur.

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 144/2011)

Emanuel Farrugia Senior Clerk id-Dipartiment tat-Taxxa fis-seduta tal- 11 ta' Gunju 2020 xehed li '*rigward is-sena 1998 id-dokumenti gew imdaħlin sena wara li suppost daħlu u pagamenti saru għal Jannar, Frar, Marzu, April u Diċembru u fadal bilanċ ta' bolla pura ta' elfejn, ħames mija, sitta u sebgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu.*' Rigward is-sena 1999 la dokumenti ma gew sottomessi u lanqas pagamenti. Ma jafx x'inhu l-ammont dovut. Stephen Azzopardi li jahdem l-Income Tax Department fil-collection section fil-grad ta' Senior Principal Officer fil- 11 ta' Gunju 2020 xehed li '*Fir- rigward ta' Mr. Subs Ltd. PE number 701499, fuq is-sena 1998 L-FS 7's u l-FS 3's ġew submitted u fis-sena 1999 ma ġewx submitted.*' Xehed li '*Rigward bolla u taxxa dovuta bl-FS 5, fin-1998 saru xi pagamenti fix-xhur Jannar, Frar, Marzu, April u Diċembru, l-kumplament tal-pagamenti ma sarux. Fir-rigward tan-1999 il-pagamenti ma sar l-ebda pagament.*' Saret referenza ghal dokumentazzjoni prezentata fl-atti kif gia saret referenza ghal din ix-xhieda aktar kmieni f'din is-sentenza. Huwa kien ikkonferma li d-dokument minn fol 73 sa 86 huma ffirmati mid-direttur l-iehor Robert Demanuele. Dwar dan il-fatt, din il-Qorti tqis li nonostante liema Direttur kien iffirma jew intavola dokumentazzjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, dan ma jnaqqas xejn mill-obbligi legali imposti fuq kull Direttur.

L-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata quddiem din il-Qorti fis- 7) ta' Lulju 2020 ghamel sottomissjonijiet dwar l-allegat ammont dovut lid-Dipartiment tat-Taxxa. Jissottometti in vista ta' dak li xehed Emanuel Farrugia li ma jafx l-ammont dovut, li fir-rigward tas-sena 1999 l-ammonti dovuti huma incerti u fl-assenza ta' ammont preciz u maghrufa, l-appellant ma jista' qatt jinstab hati u jhallas kwalunkwe ammont u dan in vista ta' dak deciz minn din il-Qorti kif prezeduta fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Anthony Ellul'</u>** deciza nhar l- 20 ta' Mejju 2020 fejn il-Qorti ghaddiet sabiex tillibera lill-imputat f'dik il-kawza precizament abbazi tal-fatt li baqa' mhux maghruf dak li d-Dipartiment tat-Taxxa sostna li huwa dovut mill-appellant.

Jissottometti li ghalkemm ghas-sena 1998 Emanuel Farrugia indika cifra preciza ta' bolla allegatament dovuta mis-socjeta' Mr. Subs Limited fis-sena 1998, huwa naqas li jaghti xi forma ta' spjegazzjoni dwar kif l-ammont imsemmi gie komputat. Jissottometi li naqas milli jesebixxi xi forma ta' rendikont ta' dak l-ammont li huwa

sostna li huwa dovut bhala bolla u taxxa u ghalhekk il-Qorti ma ghandha f'idejha ebda ghoddod sabiex b'xi mod tivverifika l-ammont li wasal ghalih is-sur Farrugia in rapprezentanza tad-dipartiment tat-taxxa. Jissottometti li l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant tkopri s-snin 1998 u 1999 b'mod kumulatitv u ghaldaqsant jekk it-taxxa dovuta ta' sena minnhom, ossia tas-sena elf, disa' mij u disgha u disghin (1999) mhix maghrufa, allura tali imputazzjoni ma tkunx giet sodisfacentament ppruvata anke jekk is-Sur Farrugia ghogbu johrog b'cifra ta' taxxa dovuta fir-rigwad tas-sena 1998, cifra li b'ebda mod ma giet sostanzjata minn Farrugia. Li l-proceduri huma ta' natura penali u konsegwentement il-prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha lilhinn minn kul dubju dettat mir-raguni.

L-Avukat Generali jissottometti li dak imqajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet f'dan ir-rigward qatt ma tqajjem fl-aggravji u cioe' fir-rikors tal-appell. Ghalhekk skont l-Avukat Generali din il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' din is-sottomissjoni.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li stante li dawn is-sottomissjonijiet mressqa mill-appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet ma jaghmlux parti mill-aggravji mressqa fir-rikors tal-appell, din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra dan. Nonostante l-fatt li ix-xhieda kellhom jergghu jinstemghu quddiem din il-Qorti, is-sottomissjonijiet ghandhom **ikunu fil-parametri ta' dak li jiprovdi r-rikors tal-appell u ma jistax imorru oltre'.** L-appellant ma ressaqx aggravju dwar il-piena inflitta anke jekk fin-nota ta' sottomissjonijiet jitlob li tigi varjata l-piena fuqu nflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta, u ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tiddisturba l-piena inflitta.

Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellant huwa responsabbli ghall-intavolar ta' formoli ta' taxxi u pagamenti lil Kummissarju tat-Taxxi ghal perjodu li l-appellant kien wiehed mid-diretturi tal-kumpannija in kwistjoni u ghalhekk mhux ghas-snin 1998 u 1999 fl-intier taghhom izda mill-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf, disa mija u tmienja u disghin (1998) sa' qabel id-data tar-rizenja u cioe' l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u disa' u disghin (1999).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma fejn il-Qorti sabet htija tal-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' Mr. Sub Limited izda limitatment bejn l- 1 ta' Marzu 1998 sa qabel id-data tar-rizenja u cioe' l- 14 ta' Novembru 1999 u tikkonferma fejn ikkundannat lill-appellant ghal multa ta' mitejn Ewro (€200) u multa addizjonali ta' erbgha Euro (€4.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas <u>mid-data ta' din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali</u>.

Din il-Qorti qieghda tirrevoka l-ordni kif maghmulha mill-Ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda in segwitu tal-Att XII tal-2014 ai termini tal-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta twissi lill-imputat li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija jew ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500); u persuna hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija snin, minkejja kull haga li tinstab fl-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem jew multa ta' hamest'elef ewro (€5000), b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Din il-Qorti in vista ta' sentenza kunfliggenti dwar l-applikabilita' tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta meta si tratta ta' nuqqasijiet taht l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-sentenza tigi notifikata lil Ministru tal-Gustizzja sabiex isiru l-emendi necessarji sabiex jigu evitati interpretazzjonijiet konfliggenti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur